MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 36/2015

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fabio Psaila**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Fabio Psaila, karta ta' l-identita` numru 318874(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta' April 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Isabella Mercieca u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-26 ta' Jannar 2015 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu

338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-istess Fabio Psaila ħati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu xahar detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Fabio Psaila ppreżentat fit-3 ta’ Frar 2015 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ewlieni ta’ l-appellant hu li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta’ l-ewwel *proviso* ta’ l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jipprovdi li l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa’ bi preskrizzjoni bl-għeluq ta’ sitt xhur.

**6.** L-appellant ġie akkużat li naqas li jħallas mantentiment għax-xahar ta’ April 2014.

**7.** B’sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja ta’ l-1 ta’ Marzu 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Isabelle Mercieca Frantz vs Fabio Psaila**, l-appellant (allura konvenut) ġie ordnat iħallas lill-*parte civile* (allura attriċi) “is-somma ta’ mija u erbgħin (€140) kull xahar għal kull wild”. Il-manteniment jitħallas bil-quddiem. Ġaladarba s-sentenza ma stipulatx minn liema data kellu jitħallas il-manteniment, għandu jiftiehem li l-manteniment kien dovut minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Dan ifisser illi l-iskadenzi li fihom għandu jitħallas il-manteniment mill-appellant jaqgħu fl-ewwel jum ta’ kull xahar. Bis-saħħa tal-paragrafu (z) ta’ l-artikolu 338 imsemmi, imbagħad, il-ħlas għandu jsir fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni tal-Qorti, ikollha titħallas dik is-somma dovuta bħala manteniment.

**8.** Fil-każ in eżami, mela, l-iskadenza kienet taqa’ fl-1 ta’ April 2014 u l-perijodu preskrittiv ta’ sitt xhur beda jiddekorri ħmistax-il jum wara, jiġifieri mis-16 ta’ April 2014.

**9.** Issa, skond verbal tas-17 ta’ Novembru 2014, l-ewwel Qorti nnutat li “ż-żewġ partijiet ġew notifikati din il-ġimgħa” u l-kawża ġiet differita għas-26 ta’ Jannar 2015. Permezz ta’ verbal tas-26 ta’ Jannar 2015, l-ewwel Qorti ddikjarat illi l-appellant ġie notifikat “il-Ġimgħa 14 ta’ Novembru 2014”. Bejn is-16 ta’ April 2014 u l-14 ta’ Novembru 2014 iddekorrew kważi seba’ xhur. Stante li l-perijodu preskrittiv huwa ta’ sitt xhur, l-azzjoni fil-każ preżenti tinsab preskritta. Konsegwentement l-aggravju ewlieni ta’ l-appellant qiegħed jiġi milqugħ.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-azzjoni preskritta u konsegwentement tillibera lill-imsemmi Fabio Psaila mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------